



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**



14737/1/12 REV 1

PRESSE 418  
PR CO 52

## **STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**

It-3190 laqgħa tal-Kunsill

### **Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)**

Lussemburgu, 10 u 11 ta' Ottubru 2012

President

**Is-Sur Stavros MALAS**

Ministru tas-Saħħa (responsabbli mill-Portafoll għar-riċerka)

Is-Sur Neoklis SYLIKIOTIS

Ministru tal-Kummerċ, l-Industrija u t-Turiżmu  
għal Ċipru

# **L - I S T A M P A**

---

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026  
[press.office@consilium.europa.eu](mailto:press.office@consilium.europa.eu) <http://www.consilium.europa.eu/Newsroom>

14737/1/12 REV 1

1  
**MT**

## Riżultati prinċipali tal-Kunsill

*Il-Kunsill qabel dwar l-elementi prinċipali tar-regoli ta' parteċipazzjoni fi proġetti ffinanzjati taħt l-"Orizzont 2020", il-programm qafas li jmiss għar-riċerka u l-innovazzjoni għas-snin 2014-2020. Huwa qabel ukoll dwar il-modalitajiet għall-integrazzjoni tal-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija fil-programm Orizzont 2020.*

*Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-passi li jmiss lejn it-tkomplija u l-implimentazzjoni taż-**Żona Ewropea tar-Riċerka**.*

*Il-Kunsill kellu dibattitu ffokat fuq l-infurzar tal-politika industrijali Ewropea u l-kontribut tagħha għat-tkabbir u l-irkupru ekonomiku. Huma kkunsidraw ukoll miżuri speċifiċi b'appoġġ għas-**settur tal-kostruzzjoni** u għas-**setturi tal-kultura u l-kreattività**. Barra minn hekk, huwa adotta konklużjonijiet dwar **teknoloġiji abilitanti essenzjali**, li huma ta' importanza partikolari għall-innovazzjoni u l-kompetittività tal-industrija, inkluż f'oqsma bħan-nanoteknoloġija, il-bijoteknoloġija u materjali avvanzati. Il-konklużjonijiet jawtorizzaw ukoll it-tnedija ta' **Sħubija Ewropea għall-innovazzjoni dwar il-materja prima**.*

*Il-Kunsill impenja ruħu li jintensifika l-isforzi biex jaċċellera l-proċess għall-adozzjoni tat-tnax-il miżura inklużi fil-pakkett tal-**"Att dwar is-Suq Uniku I"** għat-tkabbir, il-kompetittività u l-progress soċjali .*

*Fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi, il-Kunsill approva l-**Aġenda tal-Konsumatur Ewropew** għas-snin li ġejjin.*

**WERREJ<sup>1</sup>**

<b>PARTEĊIPANTI .....</b>	<b>5</b>
---------------------------	----------

**PUNTI LI ĠEW DISKUSSI**

Orizzont 2020: programm ta' riċerka u innovazzjoni għall-2014-2020.....	8
- <i>Regoli għall-parteċipazzjoni fi proġetti ffinanzjati taħt l-Orizzont 2020</i> .....	8
- <i>Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija</i> .....	9
Żona Ewropea tar-Riċerka .....	10
Politika industrijali u l-kontribut tagħha għat-tkabbir u l-irkupru ekonomiku .....	12
- <i>Aġġornament tal-inizjattiva ewlenija dwar il-politika industrijali</i> .....	12
- <i>Settur tal-kostruzzjoni</i> .....	13
- <i>Setturi kulturali u kreattivi</i> .....	13
- <i>Teknoloġiji abilitanti essenzjali / Sħubija għall-innovazzjoni dwar il-materja prima</i> .....	14
Att dwar is-Suq Uniku .....	14
Aġenda tal-Konsumatur Ewropew.....	15
Affarijiet oħra.....	16
- <i>Infrastrutturi tar-Riċerka</i> .....	16
- <i>Industrija Ewropea tal-azzar</i> .....	16
- <i>Forum Ewropew dwar it-Turiżmu (Nikosija, 25 sas-26 ta' Ottubru)</i> .....	16
- <i>Għajnuna mill-Istat għall-industrija tal-films</i> .....	17
- <i>Metodi ta' ħidma tal-Kunsill Kompetittività</i> .....	17

<sup>1</sup>

- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit tal-Internet tal-Kunsill <http://www.consilium.europa.eu>.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit tal-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Istampa.

## **PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI**

### *RIĊERKA*

- Alġerija - Brażil - Ftehimiet ta' kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika ..... 18

### *LIĠI TAL-KUMPANNIJI*

- Direttiva dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji - Verżjoni aġġornata..... 18

### *ENERĠIJA*

- Komunità tal-Enerġija - L-għaxar Kunsill Ministerjali..... 18

## **PARTEĊIPANTI**

### **Belġju:**

Is-Sur Johan VANDE LANOTTE

Is-Sur Jean-Claude MARCOURT

Is-Sinjura Ingrid LIETEN

### **Bulgarija:**

Is-Sur Sergei IGNATOV

Is-Sinjura Petia VASSILEVA

### **Repubblika Ċeka:**

Is-Sur Michal ZAORÁLEK

Is-Sur Milan HOVORKA

### **Danimarka:**

Is-Sur Uffe TOUDAL PEDERSEN

Is-Sur Jonas BERING LIISBERG

### **Ġermanja:**

Is-Sur Georg SCHÜTTE

Is-Sur Stefan KAPFERER

### **Estonja:**

Is-Sur Jaak AAVIKSOO

Is-Sur Clyde KULL

### **Irlanda:**

Is-Sur Seán SHERLOCK

Is-Sur Richard BRUTON

### **Greċja:**

Is-Sur Vasilis MAGLARIS

Is-Sur Spyridon EFSTATHOPOULOS

### **Spanja:**

Is-Sinjura Carmen VELA OLMO

Is-Sur Luis VALERO

Is-Sur José Pascual MARCO MARTINEZ

### **Franza:**

Is-Sur Arnaud MONTEBOURG

Is-Sur Alexis DUTERTRE

### **Italja:**

Is-Sur Enzo MOAVERO MILANESI

Is-Sur Massimo VARI

Is-Sur Marco PERONACI

### **Ċipru:**

Is-Sur Neoklis SYLIKIOTIS

Is-Sur Stavros MALAS

### **Latvja:**

Is-Sur Roberts ĶĪLIS

Is-Sinjura Lauma SIKĀ

Is-Sur Juris PŪCE

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ekonomija, il-Konsumaturi u l-Baħar tat-Tramuntana

Viċi President u Ministru tal-Ekonomija, l-Intrapriża ż-Żgħar u ta' Daqs Medju, il-Kummerċ Barrani u t-Teknoloġiji Ġodda

Viċi Ministru President tal-Gvern Fjamming u Ministru Fjamming tal-Innovazzjoni, l-Investment Pubbliku, il-Mezzi tax-Xandir u t-Tnaqqis tal-Faqar

Ministru tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ u x-Xjenza  
Viċi Rappreżentant Permanenti

Viċi Ministru, Ministru tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ u l-Ispport

Viċi Ministru tal-Industrija u l-Kummerċ

Segretarju Permanenti, Ministeru tax-Xjenza, l-Innovazzjoni u l-Edukazzjoni Għolja

Viċi Rappreżentant Permanenti

Segretarju tal-Istat, Ministeru Federali tal-Edukazzjoni u r-Riċerka

Segretarju tal-Istat, Ministeru Federali tal-Ekonomija u t-Teknoloġija

Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xjenza

Viċi Rappreżentant Permanenti

Ministru tal-Istat b'responsabbiltà għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (Dipartimenti tal-Impjiegi, l-Intrapriża u l-Innovazzjoni u l-Edukazzjoni u l-Ħiliet)

Ministru għall-Impjiegi, l-Intrapriża u l-Innovazzjoni

General-Secretary for Research and Technology, Ministry of Education, Religious Affairs, Culture and Sport

Segretarju tal-Istat, Ministeru għall-Iżvilupp, il-Kompetittività, l-Infrastruttura, it-Trasport u n-Netwerks

Segretarju tal-Istat għar-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni

Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Industrija, l-Enerġija u t-Turiżmu

Viċi Rappreżentant Permanenti

Ministru għar-Rivitalizzazzjoni Ekonomika

Viċi Rappreżentant Permanenti

Ministru responsabbli għall-Affarijiet Ewropej

Segretarju tal-Istat għall-Iżvilupp Ekonomiku

Viċi Rappreżentant Permanenti

Ministru tal-Kummerċ, l-Industrija u t-Turiżmu

Ministru tas-Saħħa

Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xjenza

Aġent Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xjenza

Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ekonomija

**Litwanja:**

Is-Sinjura Nerija PUTINAITĒ  
Is-Sur Giedrius KADZIAUSKAS

Viċi Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xjenza  
Viċi Ministru tal-Ekonomija

**Lussemburgu:**

Is-Sur Etienne SCHNEIDER  
Is-Sinjura Michèle EISENBARTH

Ministru tal-Ekonomija u l-Kummerċ Estern  
Viċi Rappreżentant Permanenti

**Ungerija:**

Is-Sur Zoltán CSEFALVAY  
Is-Sur Olivér VÁRHELYI

Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ekonomija Nazzjonali  
Viċi Rappreżentant Permanenti

**Malta:**

Is-Sur Jason AZZOPARDI

Ministru għall-Kompetizzjoni Ġusta, Negozji Żgħar u l-Konsumatur

Is-Sur Patrick MIFSUD

Viċi Rappreżentant Permanenti

**Olanda:**

Is-Sur Halbe ZIJLSTRA

Segretarju tal-Istat għall-Edukazzjoni, il-Kultura u x-Xjenza

Is-Sur Derk OLDENBURG

Viċi Rappreżentant Permanenti

**Awstrija:**

Is-Sur Karlheinz TÖCHTERLE  
Is-Sur Harald GÜNTHER

Ministru Federali tax-Xjenza u r-Riċerka  
Viċi Rappreżentant Permanenti

**Polonja:**

Is-Sur Jacek GULIŃSKI

Viċi Segretarju tal-Istat, Ministeru tax-Xjenza u l-Edukazzjoni Għolja

Is-Sur Andrzej DYCHA

Viċi Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ekonomija

Is-Sinjura Karolina OZTRZYŃIEWSKA

Viċi Rappreżentant Permanenti

**Portugall:**

Is-Sinjura Leonor PARREIRA  
Is-Sur Carlos OLIVEIRA

Segretarju tal-Istat għax-Xjenza  
Segretarju tal-Istat għall-Intraprenditorjat, il-Kompetittività u l-Innovazzjoni

**Rumanija:**

Is-Sur Nicolae ROTILEANU

Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Ekonomija, il-Kummerċ u l-Ambjent tan-Negozju

Is-Sur Tudor PRISECARU

Segretarju tal-Istat, Awtorità Nazzjonali għar-Riċerka Xjentifika

**Slovenja:**

Is-Sur Žiga TURK  
Is-Sur Uroš VAJGL

Ministru tal-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Ispport  
Viċi Rappreżentant Permanenti

**Slovakkja:**

Is-Sur Štefan CHUDOBA

Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Edukazzjoni, ix-Xjenza, ir-Riċerka u l-Ispport

Is-Sur Pavol PAVLIS

Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ekonomija

**Finlandja:**

Is-Sur Jouni HAKALA  
Is-Sinjura Marja RISLAKKI

Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Impjegi u l-Ekonomija  
Viċi Rappreżentant Permanenti

**Svezja:**

Is-Sur Jan BJÖRKLUND  
Is-Sinjura Ewa BJÖRLING  
Is-Sinjura Marita LJUNG

Viċi Prim Ministru, Ministru tal-Edukazzjoni  
Ministru tal-Kummerċ  
Segretarju tal-Istat għall-Ministru tat-Teknoloġija tal-  
Informazzjoni u l-Affarijiet Reġjonali

**Renju Unit:**

Is-Sur David WILLETTS

Ministru tal-Istat għan-Negozju, l-Innovazzjoni u l-Ħiliet  
(Ministru għall-Universitajiet u x-Xjenza)

Is-Sinjura Shan MORGAN

Viċi Rappreżentant Permanenti

**Kummissjoni:**

Is-Sinjura Neelie KROES

Is-Sur Antonio TAJANI

Is-Sinjura Máire GEOGHEGAN-QUINN

Is-Sur Michel BARNIER

Is-Sur John DALLI

Viçi President

Viçi President

Membru

Membru

Membru

## PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

### Orizzont 2020: programm ta' riċerka u innovazzjoni għall-2014-2020

#### *-Regoli għall-parteċipazzjoni fi proġetti ffinanzjati taħt l-Orizzont 2020*

Il-Kunsill laħaq qbil dwar approċċ ġenerali parzjali<sup>1</sup> dwar abbozz ta' Regolament li jstabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fi proġetti ta' riċerka ffinanzjati taħt l-Orizzont 2020 (14846/12). Il-Parteċipanti jistgħu jkunu assoċjazzjonijiet ta' riċerka, universitajiet, imtrapriżi, konsorzja industrijali, eċċ.

L-abbozz ta' Regolament jstabbilixxi wkoll ir-regoli li jirregolaw l-esplorazzjoni, id-disseminazzjoni u l-protezzjoni tal-proġetti ta' riċerka.

Il-qbil iwitti t-triq għall-bidu tan-negozjati mal-Parlament Ewropew bil-ħsieb ta' ftehim fl-ewwel qari.

Il-Ministri ddiskutew f'deliberazzjoni pubblika, abbażi ta' proposta tal-Presidenza (14295/12), kwistjonijiet pendenti bħall-aħjar mod biex jinkiseb l-oġġla livell ta' simplifikazzjoni, speċjalment għall-benefiċċju tal-organizzazzjonijiet parteċipanti; il-mudell ta' finanzjament li għandu jintuża għar-rimborż ta' attivitajiet ta' riċerka, u l-possibbiltà li l-parteċipazzjoni titwessa' billi tiġi rinfurzata l-attrazzjoni tal-karrieri relatati mar-riċerka fl-Unjoni kollha.

Skont il-qbil, sistema simplifikata li tikkonsisti frata unika ta' rimborż ta' spejjeż eliġibbli għal kull proġett ta' riċerka ser tapplika għall-attivitajiet kollha fi ħdan proġett ta' riċerka, u għall-parteċipanti kollha. Ir-rimborż għandu jilħaq massimu ta' 100% tat-total ta' spejjeż eliġibbli ta' proġett, b'limitu ta' massimu ta' 70% għal azzjonijiet qrib is-suq u azzjonijiet ta' ko-finanzjament tal-programm. Rata fissa ta' 25% tat-total ta' spejjeż eliġibbli diretti ser tiġi rimborżata biex tkopri l-ispejjeż indiretti. Skema "bonus +" ġiet inklużi fil-qbil fejn spejjeż eliġibbli relatati mal-persunal jistgħu jinkludu pagamenti supplimentari magħmula lill-persunal sa EUR 8 000 għal kull persuna fis-sena.

---

<sup>1</sup> Approċċ ġenerali parzjali huwa qbil dwar l-elementi essenzjali ta' att legali, sakemm tingħata l-opinjoni tal-Parlament Ewropew u jsiru d-diskussjonijiet rilevanti dwar il-baġit pluriennali tal-UE.

Xi wħud minn dawn il-kwistjonijiet ġew indirizzati wkoll f'laqgħa preparatorja informali fl-20 ta' Lulju, fejn il-ministri għar-riċerka qablu dwar il-ħtieġa ta' simplifikazzjoni sostanzjali tar-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni skont l-Orizzont 2020 sabiex jiġu attirati l-aqwa riċerkaturi u innovaturi<sup>1</sup>.

Ladarba jiġi approvat, dan is-sett ta' regoli komuni ser japplika wkoll għall-parteċipazzjoni fi proġetti ġestiti mill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT).

### **- Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija**

Il-Kunsill laħaq qbil dwar approċċ ġenerali parzjali dwar abbozz ta' Regolament li jemenda r-regoli tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) ([14851/12](#)).

Il-qbil iwitti t-triq għall-bidu tan-negozjati mal-Parlament Ewropew bil-ħsieb ta' ftehim fl-ewwel qari.

L-abbozz ta' Regolament ser jippermetti lill-EIT li jkun parti integrali mill-Orizzont 2020.

L-EIT, li ġie stabbilit f'Marzu 2008, ser ikompli jsaħħaħ il-kapaċità ta' innovazzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha u jikkontribwixxi għall-oġettivi ġenerali tal-Orizzont 2020, prinċipalment billi jintegra t-"trijangolu tal-għarfien" tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Din l-integrazzjoni sseħħ l-aktar permezz tal-Komunitajiet għall-Għarfien u l-Innovazzjoni (KICs), li jlaqqgħu flimkien organizzazzjonijiet fuq bażi ta' perijodu fit-tul b'rispons għall-isfidi soċjetali maġġuri.

Taħt l-Orizzont 2020, l-EIT jirċievi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 3.1 biljun għall-perijodu 2014-2020.

Fit-8 u d-9 ta' Novembru, ġiet skedata konferenza f'Larnaca, Ċipru, bl-isem "*Konferenza tal-Partijiet Interessati tal-EIT - Nindirizzaw l-Isfidi tas-Soċjetà permezz tal-EIT*" (<http://www.facebook.com/ConfEITCy>).

---

<sup>1</sup> <http://www.cy2012.eu/index.php/en/file/Sm7rFRmoNSr2nxXo9+AUZw==>

Orizzont 2020 - sitwazzjoni attwali

Fil-31 ta' Mejju 2012, il-Kunsill laħaq qbil dwar approċċ ġenerali parzjali dwar il-**programm qafas "Orizzont 2020"** ([10663/12](#)). Orizzont 2020 ser jieħu post is-seba' programm qafas dwar ir-riċerka (FP7) tal-UE, li jibqa' għaddej sa tmiem l-2013.

F'dik l-okkażjoni, il-Kunsill ħa nota wkoll ta' rapport ([10219/12](#)) dwar il-progress li sar rigward it-tliet partijiet l-oħra tal-pakkett: il-programm speċifiku li jimplimenta l-Orizzont 2020, ir-regoli ta' parteċipazzjoni fi proġetti ta' riċerka u l-programm tal-Euratom dwar attivitajiet ta' riċerka nukleari.

Il-qafas il-ġdid għar-riċerka huwa mistenni jelimina l-frammentazzjoni f'dan il-qasam u jiżgura aktar koerenza. L-Orizzont 2020 ser jibni fuq il-kunċett attwali tal-FP7, il-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni u l-EIT.

Meta mqabbel mal-FP7, Orizzont 2020 għandu għadd ta' karatteristiċi ġodda li jagħmluh adatt għall-fini tal-promozzjoni tat-tkabbir u l-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà.

Il-Kummissjoni ppreżentat diversi komponenti tal-Orizzont 2020 fit-30 ta' Novembru 2011:

[http://ec.europa.eu/research/horizon2020/index\\_en.cfm](http://ec.europa.eu/research/horizon2020/index_en.cfm)

Hija pproponiet l-allokkazzjoni ta' EUR 80 biljun għall-perijodu 2014-2020, b'hekk Orizzont 2020 isir l-akbar programm ta' riċerka fid-dinja.

**Żona Ewropea tar-Riċerka**

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar l-elementi ewlenin li għandhom iwasslu għall-kisba u l-implimentazzjoni taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) ([13983/12](#)).

L-eżitu tad-dibattitu ser ikollu influwenza fuq l-abbozz ta' konklużjonijiet dwar iż-ŻER li għandhom jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni mill-Kunsill fil-Kunsill Kompetittività ta' Diċembru.

Id-dibattitu segwa preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-komunikazzjoni tagħha “Sħubija Rinfurzata taż-Żona Ewropea tar-Riċerka għall-Eċċellenza u għat-Tkabbir” ([12848/12](#)), ippubblikata fis-17 ta' Lulju 2012, flimkien mal-komunikazzjoni “Lejn aċċess aħjar għall-informazzjoni xjentifika: jingħataw spinta l-benefiċċji ta' investimenti pubbliċi fir-riċerka” ([12847/12](#)) u rakkomandazzjoni dwar l-aċċess għal u l-preservazzjoni ta' informazzjoni xjentifika ([13983/12](#)).

Xi delegazzjonijiet esprimew l-qbil tagħhom dwar l-approċċ meħud mill-Kummissjoni kif ukoll il-prijoritajiet elenkati fil-komunikazzjonijiet.

Monitoraġġ mill-qrib tal-implimentazzjoni ta' kull aspett ser ikun meħtieġ biex jiġi żgurat it-twettiq tal-miri taż-ŻER.

Matul is-snin, sar progress lejn ŻER permezz ta' strumenti bħall-programmi qafas pluriennali suċċessivi għar-riċerka, inizjattivi għall-iprogrammar konġunt u konsorzji għal infrastruttura ta' riċerka. Madankollu, il-progress ma kienx l-istess f'dimensjonijiet differenti taż-ŻER kif ukoll fl-Istati Membri kollha.

Fi Frar 2011, il-Kunsill Ewropew appella biex iż-ŻER titlesta sal-2014: “L-Ewropa teħtieġ żona unifikata tar-riċerka biex tattira t-talent u l-investment. Għalhekk għandhom jiġu indirizzati rapidament il-lakuni li fadal u iż-ŻER għandha titlesta sal-2014 biex jinholq suq uniku ġenwin għall-għarfien, ir-riċerka u l-innovazzjoni. B'mod partikolari, għandhom isiru sforzi biex jittejjbu l-mobbiltà u l-prospetti tal-karrieri tar-riċerkaturi, il-mobbiltà tal-istudenti gradwati u biex l-Ewropa tkun aktar attraenti għar-riċerkaturi barranin.”.

Konferenza dwar il-futur taż-ŻER ser tiġi organizzata f'Nikosija, Ċipru, fl-14 ta' Novembru<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> <http://www.cy2012.eu/index.php/en/political-calendar/areas/competitiveness/presidency-conference-completing-the-european-research-area-in-the-context-of-the-innovation-union>

## **Politika industrijali u l-kontribut tagħha għat-tkabbir u l-irkupru ekonomiku**

Il-Ministri kellhom skambju ta' fehmiet dwar aġġornament għall-**politika industrijali Ewropea** u l-kontribut tagħha għat-tkabbir u l-irkupru ekonomiku. Huma kkunsidraw ukoll miżuri speċifiċi b'appoġġ għas-**settur tal-kostruzzjoni** u għas-**setturi tal-kultura u l-kreattività**.

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar **teknoloġiji abilitanti essenzjali** ([14887/12](#)), li huma ta' importanza partikolari għall-innovazzjoni u l-kompetittività tal-industrija u l-ekonomija b'mod ġenerali, inkluż foqsmha bħan-nanoteknoloġija, il-bijoteknoloġija u materjali avvanzati. Il-konklużjonijiet jawtorizzaw ukoll it-tnedija ta' **Sħubija Ewropea għall-innovazzjoni dwar il-materja prima**.

### ***- Aġġornament tal-inizjattiva ewlenija dwar il-politika industrijali***

Wara preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal- "aġġornament fil-Komunikazzjoni dwar il-Politika Industrijali: kontribut għat-tkabbir u l-irkupru ekonomiku" tagħha ppubblikat fl-10 ta' Ottubru<sup>1</sup>, il-Ministri ssottolinjaw l-importanza li jiġu aċċellarati l-azzjonijiet f'setturi strateġiċi b'potenzjal qawwi li jsostnu l-kompetittività u l-ħolqien tal-impjiegi.

L-eżitu tad-diskussjoni ser ikollu influwenza fuq it-tnejja tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-politika industrijali li ser jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill Kompetittività ta' Diċembru.

Id-dibattitu ffoka fuq erba' pilastri li jeħtieġu attenzjoni urġenti bħala riżultat tal-kriżi ekonomika:

- l-istimulazzjoni tal-investimenti f'teknoloġiji innovattivi u ġodda;
- li l-kumpanniji tal-UE jkunu jibbenefikaw bl-akbar mod possibbli mis-suq intern u s-swieq internazzjonali;
- it-titjib tal-aċċess għall-finanzi; u
- iż-żieda tal-investment fin-nies u l-ħiliet.

Ġew identifikati wkoll numru ta' swieq ġodda promettenti li jistgħu jikkontribwixxu għal industrija tal-manifattura b'saħħitha, innovattiva u kompetittiva u biex l-ekonomija tal-UE terġa' lura fuq it-triq għat-tkabbir.

<sup>1</sup> [http://ec.europa.eu/enterprise/policies/industrial-competitiveness/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/enterprise/policies/industrial-competitiveness/index_en.htm)

### **- *Settur tal-kostruzzjoni***

Il-Ministri indirizzaw is-sitwazzjoni tas-settur tal-kostruzzjoni f'pajjiżi differenti u dwar il-miżuri stabbiliti jew maħsuba b'apport għas-settur fil-livell nazzjonali.

Huma laqgħu l-pjan ta' azzjoni mfassal mill-Kummissjoni biex jippromwovi l-kostruzzjoni biex jingħata impetu għall-ħolqien tal-impjiegi ([13186/12](#)).

Il-pjan ta' azzjoni li jinsab fl-istrateġija għall-kompetittività sostenibbli tas-settur tal-kostruzzjoni u l-intrapriżi tiegħu, ippubblikat fil-31 ta' Lulju 2012, jiffoka fuq ħames objettivi ewlenin: l-istimulazzjoni ta' kondizzjonijiet favorevoli għall-investment; Titjib tal-kapital uman it-titjib tal-effiċjenza fir-riżorsi; it-tiżni tas-suq intern; u t-trawwim tal-kompetittività globali tal-kumpanniji tal-UE.

L-istrateġija tagħmel enfasi wkoll fuq programmi adatti għal proġetti ta' tiswija, manutenzjoni u rinnovament u strumenti fiskali u finanzjarji rilevanti u mekkaniżmi ta' kreditu għal rinnovament li jsegwu miri ambizzjużi dwar is-sostenibbiltà.

L-industrija tal-kostruzzjoni hija operatur ekonomiku ewlieni. B'mod ġenerali, hija tiġġenera kważi 10 % tal-PDG u tipprova 20 miljun impjeg dirett, prinċipalment f'intrapriżi mikro u żgħar.

### **- *Setturi kulturali u kreattivi***

Wara preżentazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-komunikazzjoni tagħha dwar "Setturi kulturali u kreattivi għal tkabbir kreattiv fl-UE" ([14256/12](#)), ippubblikata fis-26 ta' Settembru 2012, il-Ministri kkunsidraw miżuri possibbli b'apport għal dawn is-setturi.

Ġew enfasizzati s-sinifikat ekonomiku tas-setturi kulturali u kreattivi u r-rwol tagħhom fil-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir kif ukoll fil-kontribut għal ambjent li jwassal għall-innovazzjoni.

Numru ta' inizjattivi ġew issottolinjati biex jippromwovu dawn is-setturi.

Il-Komunikazzjoni tistabbilixxi strateġija b'ħa fna livelli li tgħin lil dawn is-setturi jadattaw għall-ambjent li qed jinbidel u jisfruttaw il-potenzjal tagħhom biex jikkontribwixxu għat-tkabbir.

Is-setturi kulturali u kreattivi (bħall-arkitettura, l-arkivji u l-libreriji, is-snajja' artistiċi, is-settur awdjo viżiv, il-wirt kulturali, id-disinn tal-moda, il-mużika, il-pubblikazzjoniet, eċċ.), għandhom rwol importanti fl-ekonomija u l-kultura Ewropea. Dawn jirrappreżentaw 3.3% tal-PDG u 3% tal-impjiegi totali fl-UE. Madankollu, l-importanza tagħhom hija saħħansitra akbar jekk wieħed jikkunsidra setturi oħra li jiddependu fuq input kulturali u kreattiv.

### ***- Teknoloġiji abilitanti essenzjali / Sħubija għall-innovazzjoni dwar il-materja prima***

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar it-teknoloġiji abilitanti essenzjali (KETs) u approva, permezz tal-konklużjonijiet, l-istrateġija li tinsab fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2012, bit-titolu "Strateġija Ewropea għat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ - Pont għat-tkabbir u l-impjiegi" ([12093/12](#)).

Il-mikro u nanoelettronika, in-nanoteknoloġija, il-fotonika, il-materjali avvanzati, il-bijoteknoloġija industrijali u t-teknoloġiji avvanzati tal-manifattura ġew identifikati bħala l-KETs tal-UE.

L-istrateġija għall-KETs għandha l-għan li żżomm il-pass mal-kompetituri internazzjonali ewlenin tal-UE, tikkontribwixxi għat-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi fl-UE, waqt li fl-istess ħin tindirizza l-isfidi tas-soċjetà u ambjentali ewlenin tal-lum.

Il-konklużjonijiet jawtorizzaw ukoll it-tnedija ta' sħubija Ewropea għall-innovazzjoni dwar il-materja prima ([7247/12](#)). Sħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni huma kunċett ġdid maħsub biex jipprovidi qafas li jlaqqa' flimkien lill-partijiet interessati fl-oqsma kollha ta' politika biex jiġu integrati jew mibdija miżuri mill-perspettiva tad-domanda u l-provvista fiċ-ċiklu kollu tal-innovazzjoni.

### **Att dwar is-Suq Uniku**

Il-Kunsill ha nota tas-sitwazzjoni attwali tat-ttax-il miżura inkluzi fl-"Att dwar is-Suq Uniku I" u kellu dibattitu dwar it-triq 'il quddiem ([14463/12](#)).

Attwalment, kull waħda minn dawn il-miżuri, li għandha tiġi adottata fkoleġislazzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, tinsab fi stadju differenti tal-proċess legiſlattiv.

Dawn it-tnax-il strument ta' tkabbir, kompetittività u progress soċjali jvarjaw mill-mobbiltà tal-ħaddiema, il-finanzjament tal-SMEs u l-protezzjoni tal-konsumaturi għall-kontenut diġitali, l-akkwist pubbliku u netwerks trans-Ewropej. L-għan tagħhom huwa li jitnaqqsu l-ostakli u titjeb l-effiċjenza għal kull min qiegħed fis-suq uniku: in-negozi, iċ-ċittadini, il-konsumaturi u l-ħaddiema.

Il-Kunsill ikkonferma li, fid-dawl tal-kriżi ekonomika attwali u l-isfidi soċjali antiċipati, is-suq uniku jibqa' wieħed mill-aktar assi importanti għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi u għalhekk meħtieġa sforzi kontinwi sabiex tiġi aċċellerata l-adozzjoni tat-tnax-il azzjoni ewlenija kollha bħala kwistjoni ta' prijorità.

Barra minn hekk, ladarba jiġu adottati, fl-Istati Membri kollha għandhom jiġu żgurati traspożizzjoni u implimentazzjoni fil-ħin u korretti tal-miżuri l-ġodda kollha, sabiex il-benefiċċji tagħhom ikunu jistgħu jaslu rapidament għand iċ-ċittadini u n-negozi.

Il-Ministri laqgħu wkoll it-tieni mewġa ta' proposti ta' prijorità ġodda ppreżentati mill-Kummissjoni fit-3 ta' Ottubru 2012 taħt l-"Att dwar is-Suq Uniku II"<sup>1</sup>, li ser jissupplimenta l-ewwel sett ta' miżuri, bil-għan li s-suq uniku jitlestha billi tizzied il-fiduċja u jiġu stimolati t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi.

Il-Presidenza ħabbret l-intenzjoni tagħha li tippreżenta abbozz ta' konklużjonijiet dwar il-pakkett tas-Suq Uniku II fil-Kunsill Kompetittività ta' Diċembru.

L-għoxrin anniversarju mill-ħolqien tas-suq uniku ser jiġi ċċelebrat matul il-"Ġimgħa tas-Suq Uniku" mill-15 sal-20 ta' Ottubru 2012 b'avvenimenti jseħħu f'ħafna bliet fl-UE kollha:  
<http://www.singlemarket20.eu/en>

### **Aġenda tal-Konsumatur Ewropew**

Il-Kunsill approva riżoluzzjoni dwar l-aġenda tal-konsumatur Ewropew għas-snin li ġejjin ([14464/12](#)).

Ir-riżoluzzjoni tapprova l-viżjoni tal-Kummissjoni dwar il-Politika tal-Konsumatur, li ġiet esposta fil-komunikazzjoni "Aġenda Ewropea għall-Konsumatur - Spinta lill-fiduċja u lit-tkabbir" tat-22 ta' Mejju 2012 ([10420/12](#) + [ADD 1](#)).

---

<sup>1</sup> [http://ec.europa.eu/internal\\_market/smact/docs/single-market-act2\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/internal_market/smact/docs/single-market-act2_en.pdf)

## **Affarijiet oħra**

### **- Infrastrutturi tar-Riċerka**

Matul l-ikla ta' ħidma li saret f'nofsinhar fl-10 ta' Ottubru, il-Ministri kellhom skambju ta' fehimiet dwar ir-rwol tal-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI) kif ukoll dwar is-segwitu għall-implimentazzjoni tal-proġetti tal-ESFRI, b'l-attenzenza tas-Sinjura Geoghehan-Quinn, Kummissarju nkarigata mir-riċerka u l-innovazzjoni, u s-Sinjura Beatrix Vierkorn-Rudolph, President tal-ESFRI.

### **- Industrija Ewropea tal-azzar**

Il-Kunsill ħa nota ta' rapport mill-Kummissjoni dwar l-eżitu ta' diskussjoni ta' livell għoli bejn sħab indaqs dwar is-sitwazzjoni u l-perspettivi tal-Industrija Ewropea tal-azzar li saret fi Brussell fid-19 ta' Settembru ([14420/12](#)).

F'dik il-laqqgħa, li laqqgħet rappreżentanti mill-industrija u t-trade unions, ġew identifikati hdx-il qasam ta' importanza partikolari għall-kompetittività tas-settur tal-azzar: (i) il-kompetizzjoni internazzjonali (inkluż il-protezzjoniżmu u prassi kummerċjali inġusta), (ii) l-aċċess għall-materja prima, (iii) l-ispejjeż żejda minħabba l-leġislazzjoni, (iv) l-implimentazzjoni tal-politika dwar il-klima tal-UE, (v) l-obbjettivi tal-politika dwar il-klima tal-UE lil hinn mill-2020, (vi) l-ispejjeż relatati mal-enerġija, (vii) il-politika dwar l-effiċjenza fir-riżorsi tal-UE, (viii) in-nuqqas ta' ħliet, (ix) l-adattament possibbli tal-kapaċitajiet, (x) ir-riċerka u l-innovazzjoni u (ix) il-miżuri mill-perspettiva tad-domanda li jstimulaw l-irkupru fis-setturi ewlenin.

Bosta delegazzjonijiet appoġġaw l-inizjattiva biex ilaqqgħu diskussjoni ta' livell għoli bejn sħab indaqs li jmiss f'Novembru li ġej u esprimew li huma lesti jikkontribwixxu b'mod attiv għall-isforzi ta' preservazzjoni u t-tiħ tal-kompetittività tas-settur tal-azzar fl-Ewropa.

### **- Forum Ewropew dwar it-Turiżmu (Nikosija, 25 sas-26 ta' Ottubru)**

Il-Kunsill ħa nota tat-tħejjijiet dwar il-Hdx-il Forum Ewropew dwar it-Turiżmu li ser isir f'Nikosija, Ċipru, fil-25 u s-26 ta' Ottubru ([14385/12](#)).

**- Ghajjnuna mill-Istat għall-industrija tal-films**

Il-Kunsill ħa nota ta-l-informazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża dwar abbozz ta' Komunikazzjoni ta-l-Kummissjoni dwar l-ghajjnuna mill-istat għall-films u xogħlijiet awdjoviżivi oħra ([http://ec.europa.eu/competition/consultations/2011\\_state\\_aid\\_films/index\\_en.html](http://ec.europa.eu/competition/consultations/2011_state_aid_films/index_en.html)).

**- Metodi ta' ħidma tal-Kunsill Kompetittività**

Matul l-ikla ta' ħidma li saret fil-11 ta' Ottubru f'nofsinhar, il-Ministri tal-kompetittività kellhom skambju ta' fehmiet dwar modi kif jittejbu l-metodi ta' ħidma tal-Kunsill Kompetittività, notevolment bil-ħsieb li tittejjeb l-effiċjenza ta-l-proċedimenti fil-monitoraġġ tal-politiki relatati mal-Aġenda tat-Tkabbir Ewropew.

## **PUNTI OĦRA APPROVATI**

### **RIĊERKA**

#### **Alġerija - Brażil - Ftehimiet ta' kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika**

Il-Kunsill adotta Deċiżjoni bil-għan li tikkonkludi ftehim ta' kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika mal-Alġerija ([17318/11](#)).

Huwa approva wkoll it-tiġdid tal-ftehim ta' kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-UE u l-Brażil ([10475/12](#)).

### **LIĠI TAL-KUMPAÑNIJI**

#### **Direttiva dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji - Verżjoni aġġornata**

Il-Kunsill approva verżjoni riformulata ta' Direttiva eżistenti (77/91/EEC) dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fis-sens tat-Trattat tal-UE, dwar il-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti (*PE-CONS* [50/12](#) u [14263/12 ADD1](#)).

Id-Direttiva għandha l-għan li tikkoordina dispożizzjonijiet nazzjonali relatati mal-formazzjoni u ż-żamma ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata.

### **ENERĠIJA**

#### **Komunità tal-Enerġija - L-għaxar Kunsill Ministerjali**

Il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tistabilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fid-dawl tal-laqgħa tal-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija, li ser issir fit-18 ta' Ottubru 2012 f'Budva (Montenegro) u approva l-aġenda.

[http://www.energy-community.org/portal/page/portal/ENC\\_HOME](http://www.energy-community.org/portal/page/portal/ENC_HOME)